MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Rikors Numru. 447/2005

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 518/05 fl-ismijiet Acorn Distributors Limited issa maghrufa bhala Acorn Developments Limited C33675**

**vs**

**Costantino Anastasiou id Awstrijaka 10052347**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fl-10 ta' Mejju 2005 minn Costantino Anastasiou u Hildegard Kampitch bin-numru tal-passaport E0062877 ghal kull interess li ghandha li permezz tieghu issottomettew :

Illi l-esponenti gie notifikat b'mandat ta' qbid ezekuttiv numru 518/05 fejn giet maqbuda vettura Jaguar bin-numru tar-registrazzjoni G927BD tal-lewn Silver,

Illi mid-dokumenti annessi li huma kopja tal-originali liema dokumenti originali ser jigu prodotti quddiem din il-Qorti jirrizulta ampjament illi din il-vettura tappartjeni lill-Hildegard Kampitch u mhux lill-Constantino Anastasiou u ilha hekk mis-sena 1995;

Illi diu piu jirrizulta illi l-istess Constantino Anastasiou qieghed jikkontesta t-talba ta' Acorn Developers Limited bis-sahha tal-kawza 200/2005 u dan skond l-anness kopja tac-citazzjoni;

Illi abbazi tal-artiklu 238A (sic) tal-Kap 12 l-esponenti qieghed jitlob illi tigi sospiza l-ezekuzzjoni tal-mandat fuq il-vettura inkwistjoni stante li din il-vettura ma tappartjeniex lill-esponenti Constantino Anastasiou u di piu jitlob bir-rispett illi dan il-mandat ghandu jigi revokat stante illi t-talba ta' Acorn developers Limited qieghda tigi kontestata u jekk jinzamm il-mandat ezekuttiv Acorn Developers Limited jistghu jipprocedu bis-subbasta ghad-detriment kemm ta Constantino Anastasiou kif ukoll ghas-sid Hildegard Kampitch;

Talbu lill-Qorti m'ghandhiex tirrevoka l-mandat in kwistjoni stante illi hemm kontestazzjoni u di piu l-ezekuzzjoni tal-mandat ghandu jigi sospiz stante illi l-vettura mhix proprjeta tal-esponenti;

Rat illi s-socjeta' Acorn Developments Limited giet notifikata b'dan ir-rikors fis-17 ta' Mejju 2005.

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha tar-rikors;

Rat illi r-rikors thalla ghallum ghal provvediment.

Ikkunsidrat illi r-rikors thalla darbtejn ghall-prova tas-socjeta' intimata illi l-vettura in kwistjoni, meta kienet Malta, kienet fil-fatt tintuza u minn min kienet tintuza, izda ma deher hadd ghas-socjeta' intimata u ma tressqet l-ebda prova f'dan is-sens.

Rat l-Artikolu 283 A tal-Kap. 12;

Tichad it-talbiet peress illi r-rikorrenti ma rnexxilhomx jippruvaw illi l-vettura in kwistjoni tappartjeni verament lill-Hildegard Kampitch.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------